REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/1565

tat-28 ta' Lulju 2023

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1568 tat-28 ta' Lulju 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 ([2]) jagħti effett lid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK ([3]) u jipprevedi ċerti miżuri diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), inkluż l-iffriżar tal-assi tagħhom.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fir-RDK, id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1568 temenda l-kriterji tal-elenkar awtonomu tal-Unjoni biex tippermetti l-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi mmirati kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jipprovdu appoġġ lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp responsabbli għas-sostenn tal-konflitt armat, l-instabbiltà jew l-insigurtà fir-RDK.

(3) Għaldaqstant, hemm bżonn ta' azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni biex jingħata effett lid-Deċiżjoni (PESK) 2023/1568, partikolarment bil-għan li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(4) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1183/2005 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2b(1) tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) l-għoti ta' appoġġ lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi responsabbli għas-sostenn tal-konflitt armat, l-instabbiltà jew l-insigurtà fir-RDK.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali *tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) Ara paġna 37 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336 21.12.2010, p. 30).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
P. NAVARRO RÍOS